**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Novembru 2020**

Rikors Numru: 276/20 AL

A B

vs

C D B

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat C D B fil-Kappella ta' San Alwiġi, Birkirkara, Malta, fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu ta-sena elfejn u tlieta (2003) skont ċertifikat hawn anness u mmarkat Dok "A";

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) minn Nutar Dottor Elisa Falzon skont kopja hawn annessa u mmarkata Dok "B".

3. Illi minn dan iż-żwieġ twieldet tifla waħda: E B fid-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004);

4. Illi l-possibilita' ta' rikonċiljazzjoni ma' żewġha ġiet diskussa mal-Avukat sottoskritta u ingħatat mill-istess Avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin skont dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok "Ċ", iżda l-esponenti esprimiet ruħha fin-negattiv.

5. Illi l-partijiet irrinunzjaw għad-dritt tal-manteniment mingħand xulxin skont l-Artikolu tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni surreferit;

6. Illi għaddew erba' snin mid-data ta' separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

7. Illi għalhekk jeżistu l-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal-ħall taż-żwieġ u sabiex jiġi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara ż-żwieġ tagħha ma' C D B hu maħlul u li għal dan il-għan tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u għal kull fini u effetti kollha tal-Liġi tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien stabbilit minnha, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk l-istess divorzju ikun jista' jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku permezz tal-annotazzjoni relattiva fiċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness bħala Dok "A";

Bl-ispejjeż kontra l-intimat

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Awwissu, 2020;

Semgħet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwieġeb li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta’ Jannar, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.